



8.3.2011

## **AVVIŻ LILL-MEMBRI**

**(26/2011)**

**Subject:** Opinjoni motivata mis-Sejm tar-Repubblika tal-Polonja dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament dwar l-OKS Unika)  
(COM(2010)0799 – C7-0008/2011 – 2010/0385(COD))

Skont l-Artikolu 6 tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, kull parlament nazzjonali jista', fi żmien tmien ġimgħat mid-data minn meta jirċievu l-abbozz ta' att leġiżlattiv, jibgħat lill-President tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, opinjoni motivata bir-raġunijiet li għalihom huwa jqis li l-abbozz inkwistjoni ma jimxix mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali huwa responsabbli mill-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Jekk jogħġbok sib mehmuża, għal skopijiet ta' informazzjoni, opinjoni motivata mis-Sejm tar-Repubblika tal-Polonja dwar il-proposta msemmija hawn fuq.

**RIŻOLUZZJONI****tas-Sejm tar-Repubblika tal-Polonja****tal-4 ta' Marzu 2011****li fiha opinjoni motivata****dwar in-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà****tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi****organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-****Regolament dwar l-OKS Unika)****(COM(2010) 799 finali)**

Wara li eżamina **l-proposta għal Regolament** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament dwar l-OKS Unika) **(COM(2010) 799 finali)**, is-Sejm tar-Repubblika tal-Polonja jqis li din il-proposta għal Regolament mhix konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Il-proposta għal Regolament tikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà minħabba l-kontenut tad-dispożizzjonijiet proposti u n-nuqqas li jiġu ddikjarati r-raġunijiet għala l-proposta għal Regolament tikkonforma ma' dan il-prinċipju.

1. Is-Sejm ma jaqbilx mal-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea jiġifieri li l-uniku għan tar-Regolament propost huwa li dan jiġi allinjat mar-rekwiżiti li ġejjin mit-Trattat ta' Lisbona. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament se jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti f'oqsma li attwalment mhumiex regolati, jew li huma parzjalment regolati, fil-livell tal-Unjoni Ewropea (UE). Fl-opinjoni tas-Sejm, m'hemm ebda prova li turi li l-oġġettivi tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu mill-Istati Membri, jew li, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-miżuri proposti, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE. Għalhekk, il-kriterji b'rabta mal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, li jirrigwardaw il-ħtieġa li tittieħed azzjoni mill-UE minflok mill-Istati Membri, mhumiex sodisfati.

2. Is-Sejm għandu riżervi dwar il-fatt li jingħataw lill-Kummissjoni setgħat ġodda msemija fil-proposta għal Regolament. Is-Sejm jikkunsidra li l-Artikolu 310 tal-proposta għal Regolament imur kontra l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Dan l-Artikolu jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta, permezz ta' atti delegati, dispożizzjonijiet fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet ippreżentati mill-produtturi ta' ħalib mhux maħdum. Attwalment, ir-regolamenti f'dan il-qasam jiġu adottati mill-Istati Membri. Il-proposta li tinsab fl-Artikolu 310 tal-proposta għal Regolament tistabbilixxi standards legali fir-rigward ta' miżuri li l-oġġettivi tagħhom jistgħu, u u fil-fatt, jintlaħqu attwalment permezz tal-liġi nazzjonali tal-Istati Membri. Konsegwenza ta' dan, din id-

dispożizzjoni ma tikkonformax mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, abbażi tal-proposta għal Regolament, ma ressqet l-ebda argument favur il-ħtieġa li jiġu trasferiti regoli dwar il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet imsemmija qabel fis-settur tal-ħalib, mil-livell tal-liġi nazzjonali għal-livell tal-liġi tal-UE.

Is-Sejm għandu riżervi simili fir-rigward tal-Artikolu 126, l-Artikolu 172(f) u l-Artikolu 229(4) tal-proposta għal Regolament.

3. Is-Sejm għandu wkoll riżervi dwar in-nuqqas li jiġu indikati kriterji biex jiġi ddeterminat jekk qasam partikolari hux se jkun regolat permezz ta' atti delegati jew ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti, li huma adottati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament, mhumiex se jkunu soġġetti għal kontroll minn parlamenti nazzjonali fit-termini tal-konformità tagħhom mal-prinċipju tas-sussidjarjetà għaliex mhumiex atti leġiżlattivi. Il-qasam ta' applikazzjoni tas-setgħat delegati lill-Kummissjoni taħt il-proposta għal Regolament għandu għalhekk ikun soġġett għal kontroll partikolari fir-rigward tal-konformità tiegħu mal-prinċipju tas-sussidjarjetà sabiex fil-futur jiġu evitati azzjonijiet diskrezzjonarji mill-Kummissjoni.

Fir-rigward ta' atti delegati (l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea – TFUE), is-Sejm joġġezzjona għall-qasam ta' applikazzjoni, liema qasam huwa wiesa' b'mod eċċessiv, tad-dispożizzjonijiet li jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta tali atti. Skont il-proposta għal Regolament, il-Kummissjoni se tingħata s-setgħa biex tipprovi jew temenda miżuri adottati mill-korpi leġiżlattivi tal-UE, jiġifieri l-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Fl-opinjoni tas-Sejm, il-qasam ta' applikazzjoni tas-setgħat delegati lill-Kummissjoni skont dan għandu jiġi interpretat b'mod strett. Dawn is-setgħat għandhom jiġu definiti b'mod ċar, preċiż u dettaljat, li jistabbilixxi l-limiti li l-atti adottati m'għandhomx jaqbżu. Madankollu, ħafna mid-dispożizzjonijiet tal-proposta għal Regolament (pereżempju l-Artikolu 30(1), l-Artikolu 31, l-Artikolu 35, l-Artikolu 43(1), l-Artikolu 46, u l-Artikolu 78 flimkien mal-Artikolu 321(1)), jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta, għal perjodu indefinit, prinċipji jew kundizzjonijiet speċifiċi fl-oqsma regolati. Minħabba li s-sura tas-setgħat tal-Kummissjoni hija tant wiesgħa, u fin-nuqqas ta' ġustifikazzjoni għaliha, is-Sejm jinnota li l-Kummissjoni se tkun tista' tadotta atti delegati f'oqsma importanti għas-settur partikolari.

L-Artikolu 291 tat-TFUE jirrikjedi li l-eżerċitar tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni għandu jkun soġġett għall-kontroll mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet adottati qabel mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Madankollu, ebda dispożizzjoni bħal din ma ġiet adottata. Is-Sejm iqis li l-Kummissjoni ma tistax tingħata s-setgħa, skont ir-Regolament, biex timplimenta atti ta' implimentazzjoni meta l-proċedura għall-kontroll tagħha mill-Istati Membri tibqa' mhux magħrufa.

Is-Sejm huwa tal-opinjoni li l-proposta għal Regolament tikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-qasam ta' applikazzjoni mhux speċifikat tas-setgħa tal-Kummissjoni biex tadotta atti delegati, flimkien mal-proċedura mhux magħrufa li biha l-Istati Membri se jikkontrollaw l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni, jippermetti li l-

Kummissjoni twettaq azzjoni regolatorja, minkejja l-fatt li l-objettivi tagħha jistgħu jintlaħqu b' mod suffiċjenti f' livell nazzjonali.

4. Is-Sejm għandu riżervi dwar il-fatt li l-Kummissjoni naqset milli tressaq xi raġunijiet li jikkonċernaw il-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà tad-dispożizzjonijiet tal-proposta għal Regolament li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati (l-Artikolu 290 TFUE) u atti ta' implimentazzjoni (l-Artikolu 291 TFUE), u b'hekk tikser l-Artikolu 5 tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità (il-Protokoll Nru 2). It-tisħiħ tal-konformità tal-abbozz tal-att leġiżlattiv mal-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu rwol ewlieni fil-kontroll, mill-parlamenti nazzjonali, tal-konformità ma' dan il-prinċipju, minħabba li dan jippermetti li huma jsiru familjari mal-argumenti favur l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi ppreżentati fl-att propost, u jeżaminawhom. Barra minn hekk, it-tisħiħ ta' att leġiżlattiv tal-UE jippermetti li l-legalità tiegħu tiġi riveduta mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja skont azzjoni għal annullament (l-Artikolu 263 TFUE).

Abbażi tal-proposta għal Regolament, il-Kummissjoni tiddikjara li r-Regolament jikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, madankollu hija tonqos milli tagħti xi raġuni biex tappoġġja din id-dikjarazzjoni. Il-Kummissjoni tgħid li l-politika agrikola hija kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri, li jfisser li sakemm l-UE ma tillegiżlax f'dan is-settur, l-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom. Il-Kummissjoni tenfasizza abbażi tal-proposta għal Regolament li “Din il-proposta hija limitata għall-adattament tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq Unika għar-rekwiżiti l-ġodda li ddaħħlu bit-Trattat ta' Lisbona”, u li għalhekk “l-approċċ eżistenti tal-Unjoni mhuwiex affettwat minn din il-proposta”.

Minħabba n-nuqqas ta' ċarezza tad-dikjarazzjonijiet magħmula abbażi tal-proposta għal Regolament dwar il-konformità tiegħu mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, ma jistax jingħad li r-raġunijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 2, li jgħid li r-raġunijiet biex jiġi konkluż li objettiv tal-Unjoni jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni għandhom ikunu appoġġjati (b'indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi) sabiex tkun tista' tiġi kkontrollata l-legalità tal-att leġiżlattiv.

Fin-nuqqas ta' ġustifikazzjoni dettaljata għall-proposta għal Regolament fir-rigward tal-konformità tiegħu mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, is-Sejm, minħabba li huwa l-kamra tal-parlament nazzjonali li teżerċita l-kontroll f'dan ir-rigward, ma jistax jeżamina l-argumenti mressqa mill-Kummissjoni favur il-fatt li l-proposta għal Regolament titqies bħala konformi mal-prinċipju msemmi. Wara li kkunsidra dan ta' hawn fuq, is-Sejm iqis li l-Kummissjoni, billi naqset milli tissodisfa r-rekwiżit li tippreżenta ġustifikazzjoni dettaljata għall-konformità tal-proposta għal Regolament mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kisret il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

KELLIEM GĦAS-SEJM

Grzegorz Schetyna

[firma]

[timbru]